MALTA

# QORTI TA' L-APPELL

**ONOR. IMHALLEF**
**RAYMOND C. PACE**

Seduta tat-12 ta' Jannar, 2004

Appell Civili Numru. 27/2002

**Emanuel Lia.**

**vs.**

**Kummissjoni ghall-Kontroll ta' L-Izvilupp**

**Il-Qorti,**

## I. PRELIMINARI.

Rat ir-rikors ta' l-appell ta' Emanuel Lia datat 26 ta' Settembru 2002 a fol. 2 fejn gie premess:-

1. Illi b'decizjoni tat-13 ta' Settembru, 2002, il-Bord ta' l-Appell dwar l-Ippjanar fil-kaz fl-ismijiet **'Emanuel Lia vs l-Kummissjoni ghall-Kontroll ta' l-Izvilupp'** (ara Dok. "EL1" anness) iddecieda li jichad l-appell u jikkonferma r-rifjut tal-permess ghall-izvilupp ghal-*"sanctioning of shed roofed with corrugated sheets used as store for trade tools"* gewwa Tal-Harrieq, Triq ix-Xghajra, Zabbar liema

rifjut kien inghata mill-Kummissjoni ghall-Kontroll ta' l-Izvilupp;

2. Illi l-esponent ihossu aggravat minn din id-decizjoni u ghalhekk permezz tal-prezenti qed jinterponi umli appell mill-istess decizjoni quddiem din l-Onorabbli Qorti;

3. Illi l-ewwel aggravju ta' l-appellant huwa car u manifest ghaliex filwaqt li l-applikazzjoni tal-esponent saret ghas-sanzjonar aktar specifikatament '*sanctioning of shed roofed with corrugated sheets used as store for trade tools'* il-Bord iddecieda li jirrifjuta permess ghall-struttura gdida li ser tinbena flok dik ezistenti. Il-kliem ezatt uzatt mill-Bord ta' l-Appell fid-decizjoni tieghu kien '*il-Bord jista' jikkonstata bhala fatt illi huwa minnu li hdejn din il-kamra temporanja hemm razett u li allura l-istruttra l-gdida li se tirrimpjazza din l-istruttra temporanja se tkun tmiss mar-razzett'*. Il-kumplament tad-decizjoni tal-Bord tirrizulta, bir-rispett kollu, kollha zbaljata ghaliex l-Bord jibqa jippersisti li l-esponent kien qed japplika ghal zvilupp mhux ezistenti u dan johrog minn frazijiet bhal '*qed jigi propost li jissaqqaf fuq 13-il filata'* kif ukoll illi *"se jkun gholi hafna ghal store agrikolu"*. Ghalhekk id-decizjoni tal-Bord tippekka *stante* li l-Bord ta' l-Appell iddecieda fuq xi haga li ma gietx mitluba mill-istess appellant;

Huwa car mill-applikazzjoni tal-esponent li qatt ma kien hemm l-intenzjoni li l-istruttura li hemm bhalissa fuq is-sit tigi rimpjazzata bi struttura ohra izda biss li l-istruttura ezistenti tigi sanzjonata ghaldaqstant jirrizulta li d-decizjoni tal-Bord ta' l-Appell hija *extra petita* u konsegwentement nulla;

4. Illi minghajr pregudizzju ghas-suespost it-tieni aggravju tal-appellant huwa car u manifest *stante* li d-decizjoni tal-Bord ta' l-Appell dwar l-Ippjanar ma tipprovdix konkluzjoni definittiva tal-mertu ta' l-appell in kwistjoni. L-esponent umilment jisottometti li dan l-aggravju jitratta punt ta' ligi deciz mill-Bord u f'dan il-kuntest jaghmel referenza ghas-sentenza tal-Onorabbli Qorti ta' l-Appel bl-ismijiet **Charles Casha vs Awtorita' ta' l-Ippjanar** (Appell Nru. 240A/97, 6 ta' Mejju, 1998) fejn fl-istess

sentenza l-Qorti ta’ l-Appell accennat li jekk decizjoni tal-Bord ta’ l-Appell ma tkunx cara u konsegwentement incerta fil-konkluzjonijiet taghha allura l-Qorti ta’ l-Appell ghandha l-gurisdizzjoni li tirrevedi l-validita’ ta’ l-istess;

Bir-rispett kollu, d-decizjoni appellata tasal ghall-zewg konkluzjonijiet totalment opposti ghal xulxin bir-rizultat li tikreja incertezza u dan bi pregudizzju ta’ l-esponent. Minn naha l-wahda l-Bord ta’ l-Appell iddecieda li l-istruttura ezistenti hija wahda temporanja. Dan jirrizulta minn varji partijiet tad-decizjoni fejn fost ohrajn l-Bord ta’ l-Appell jghid illi ‘*l-appellant wera lill-Bord l-ingenji tar-raba’ illi huwa kellu li kien qed jahzen fl-istore temporanju li bhalissa ghandu’*. L-esponet umilment jissottometti, kif jidher ukoll li qed jigi accettat mill-Bord ta' l-Appell fis-sentenza appellata illi struttura temporanja li tkun tista’ facilment titnehha ma hix kunsidrata bhal zvilupp. Taht l-**Att dwar l-Izvilupp, Kap.156 tal-Ligijiet ta’ Malta**, l-Awtorita’ ta’ l-Ippjanar ghandha biss il-poter li tohrog il-permessi fuq dak kollu li jikkwlifika bhala zvilupp izda mhux fuq affarijiet ohrajn li ma jikkwalifikawx bhala zvilupp. Ghaldaqstant il-konsegwenza ta’ din il-konkluzjoni ta’ l-Bord ta’ l-Appell kellha tkun illi l-Bord ta’ l-Appell jiddikjara li ghall-istruttura in kwistjoni ma hemmx bzonn ta’ permess ghall-izvilupp. Isegwi wkoll illi la darba din l-istruttura temporanja ma taqax taht il-kompetenzi ta’ l-Awtorita’ ta’ l-Ippjanar allura l-istess Awtorita’ ma kelliex l-poter bil-ligi li tohrog l-avviz biex tieqaf u ta’ twettiq fuq is-sit koncernat f’dan l-appell. L-appell minn dan l-avviz biex tieqaf u ta’ twettiq gie deciz fl- istess data tas-sentenza appellata koncernata f’dan ir-rikors. Appell quddiem din l-istess Onorabbli Qorti ta’ l-Appell mid-decizjoni tal-Bord ta’ l-Appell fuq l-avviz biex tieqaf u ta’ twettiq gie wkoll interpost fl-istess data tal-appell odjern. Minn naha l-ohra l-Bord ta’ l- Appell dwar l-Ippjanar, fl-istess sentenza, iddecieda li jikkunsidra l-aplikazzjoni tal- esponent bhala wahda li tikkoncerna zvilupp li ghad irid issir u ddecieda li jirrifjuta l-permess sabiex dan l-izvilupp ikun jista’ jsir mill-esponent. Bir-rispett kollu, johrog car minn dak kollu suespost f’dan il-paragrafu li z-zewg konkluzjonijiet li wasal ghalihom il-Bord ta’ l-Appell dwar l-Ippjanar jikkontradixxu lil xulxin u li ma jistghux ragonevolment

jikkoezistu fl-istess sentenza. Is-sentenza ma hix cara fuq il-punt jekk l-istruttura llum ezistenti ghandhiex tibqa hemmhekk jew le u dan jinfluwixxi wkoll fuq id-decizjoni ta' l-istess Bord fuq l-avvizz biex tieqaf u ta' twettiq mahrug mill-Awtorita' ta' l-Ippjanar kontra l-istess esponent, ghal liema avviz gia saret referenza aktar il-fuq f'dan ir-rikors. Konsegwentement id-decizjoni appellata tippekka *stante* li hija kompletament priva minn element essenzjali rikjest *ad validitatem* mill-ligi li huwa dak li permezz ta' sentenza trid tinghata konkluzjoni finali u definittiva ghall-kwistjoni. Certament, bir-rispett kollu, ghall-finijiet ta' gustizzja d-drittijiet ta' l-esponent ma jistghux jithallew fil-limbu ta' incertezza kkreata mid-decizjoni appellata;

Illi l-Kodici ta' Organizzazzjoni u Procedura Civili, **Kap. 12 tal-Ligijiet ta' Malta fl-artikolu 789** jipprovdi illi:-

*(1) L-eccezzjoni ta' nullita' ta' l-atti gudizzjarji tista' tinghata –*

*(d) jekk l-att ikun nieqes minn xi partikolarita' essenzjali espressament mehtiega mill-ligi: Izda dik l-eccezzjoni ta' nullita' kif mahsuba fil-paragrafi (a), (c) u (d) ta' dan is-subartikolu ma tkunx tista tinghata jekk dak in-nuqqas jew vjolazzjoni jkun jistghu jissewwew taht kull disposizzjoni ohra tal-ligi.'*

Illi minhabba l-incertezza tad-decizjoni appellata l-esponent qed isofri pregudizzju *stante* li d-drittijiet tal-partijiet rispettivi fil-kuntest tal-litgiazzjoni ma gewx konkretati. Ghaldaqstant l-esponent umilment jissottometti li l-kaz odjern jinkwadra ruhu fid-disposizzjoni tal-ligi hawn fuq ikkwotata b'konsegwenza li d-decizjoni appellata hija nulla u bla effett;

Illi wkoll jigi umilment sottomess li din l-Onorabbli Qorti ta' l-Appell, skond il-ligi, mhiex kompetenti sabiex hi stess tissana d-decizjoni tal-Bord ta' l-Appell u b'hekk l-unika soluzzjoni ghall-istess Qorti ta' l-Appell hija li tiddikjara n-nullita' tad-decizjoni;

5. Illi minghajr pregudizzju ghas-suespost it-tielet aggravju ta’ l-appellant huwa car u manifest ghaliex fid-decizjoni tieghu l-Bord ta’ l-Appell iddecieda punt ta’ ligi hazin meta ddikjara li jekk jinhareg il-permess lill-esponent, il-Bord ta’ l-Appell ikun marbut bil-precedent li jigi kkreat. Bir-rispett kollu, l-Bord ta’ l-Appell dwar l-Ippjanar ma jistax fid-decizjoni kontra l-esponent jiddecciedi li huwa bhala Bord jkun marbut bil-precedent meta f’diversi decizjonijiet ohra tal-Bord l-istess Bord iddecieda l-oppost. Il-Bord ta’ l-Appell dwar l-Ippjanar uza dan l-argument bhala raguni ghar-rifjut tal-permess mitlub mill-esponenti u ghaldaqstant *stante* li r-ragunament innifsu tal-Bord huwa zbaljat jirrizulta wkoll illi d-decizjoni shiha tal-Bord tippekka fil-ligi u hija konsegwentement nulla;

Illi ghaldaqstant, l-appellant, filwaqt illi jaghmel referenza ghall-provi gia’ prodotti u jirriserva li jgib provi ohra skond il-ligi, jitlob bir-rispett li din l-Onorabbli Qorti ta’ l-Appell joghgobha, tiddikjara nulla d-decizjoni tal-Bord ta’ l-Appell dwar l-Ippjanar tat-13 ta’ Settembru, 2002, fil-kaz fl-ismijiet **Emanuel Lia vs l-Kummissjoni ghall-Kontrol ta’ l-Izvilupp** (PAB 149/01 KA) u / jew fin-nuqqas tirrevoka, thassar u / jew tannulla d-decizjoni appellata in kwantu cahdet l-appell u kkonfermat r-rifjut tal-permess u tordna li process relattiv jintbaghat lura mill-Bord ta’ l-Appell dwar l-Ippjanar sabiex dan jiddeciedi l-kwistjoni skond il-ligi;

Bl-ispejjez taz-zewg istanzi kontra l-Kummissjoni appellata.

Rat id-dokumenti esebiti minn fol 6 sa fol 13 tal-process.

Rat ir-risposta tal-Kummissjoni ghall-Kontroll a fol 15, 16, 17, 18, 19, 20 u 21 tal-process fejn sostna li:-

1. Illi preliminarjament jinghad li l-appell interpost mill-applikant huwa null *stante* li mhux qed isir skond l-**Artikolu 15 (2) tal-Att dwar l-Ippjanar ta’ l-Izvilupp tal-Kap.356** li jghid hekk:-

*"Id-decizjonijiet tal-Bord ikunu finali hlief dwar punti ta' ligi decizi mill-Bord li minnhom ikun hemm appell lill-Qorti ta' l-Appell (Kompetenza Inferjuri)";*

Fil-fatt huwa principju risaput li meta jsir appell minn decizjoni tal-Bord ta' l-Appell dan ghandu jsir minn punti ta' ligi li jkunu gew dibattuti fit-trattazzjonijiet li jsiru quddiem il-Bord u li jkunu gew decizi mill-istess Bord. Dan kien konfermat diversi drabi b'sentenzi ta' dina l-Onorabbli Qorti, fosthom is-sentenza **"Emanuel Mifsud vs Kummissjoni ghall-Kontrol ta' L-Izvilupp"** (Decizjoni tal-31 ta' Mejju 1996), fejn gie spjegat li:

*"Din il-Qorti tista tirrevedi biss kwistjonijiet dwar punti ta' dritt decizi mill-Bord. Dan iffiser li m'hemmx appelli fuq kwistjonijiet ta' fatt, fuq kwistjonijiet ta' apprezzament ta' provi … Biex appell ikun ammissibbli, il-kwistjoni trid tkun necessarjament dwar kwistjoni ta' dritt, li tkun qamet kontroversja dwarha, li tkun giet diskussa u elucidata fil-motivazzjoni u li tkun giet definita fid-decizjoni appellata";*

Illi fil-kaz in ezami l-Bord ta' l-Appell dwar l-Ippjanar ma ddecieda l-ebda punt ta' ligi izda sempliciment applika l-*policies* rilevanti skond il-Pjan ta' Struttura ghall-kaz in ezami li jitratta applikazzjoni ghall-permess fuq sit li jinsab barra miz-zona ta' zvilupp. Huwa ben risaput li l-interpretazzjoni ta' tal-ligijiet u regoli dwar l-ippjanar tinsab fid-diskrezzjoni tal-Bord ta' l-Appell, li huwa kompost *inter alia,* minn persuni teknici u esperti fil-qasam ta' l-ippjanar u ghaldaqstant ghandu jkun dan il-Bord li jiddeciedi dwar materji teknici. Dan il-principju, jigifieri li l-interpretazzjoni tal-ligi maghmula mill-Bord mhijiex sindakabbli, kien konfermat regolarment mill-gurisprudenza ta' din l-Onorabbli Qorti. Ghalhekk il-Bord ta' l-Appell ghandu diskrezzjoni sabiex jinterpreta tali legislazzjoni u japplikaha ghall-fatti li jingiebu quddiemu, u din l-interpretazzjoni u applikazzjoni tal-ligi ghall-fatti ma tistax tigi riveduta minn organu gudizzjarju iehor;

Illi altrimenti dina l-Onorabbli Qorti tkun qieghda tissotiwixxi d-diskrezzjoni tal-Bord tal-Appell u b'hekk tagixxi ta' tribunal tat-tielet istanza. Dan kien konfermat

minn dina l-Onorabbli Qorti fis-sentenza **"Angelo Farrugia vs Chairman ta' l-Awtorita' ta' l-Ippjannar"** (Decizjoni tal-24 ta' April 1996) fejn l-aggravju ta' l-appellant kien li l-Bord ta' l-Appell dwar l-Ippjanar kien interpret b'mod skorrett il-Pjan ta' Struttura u naqas milli japplika certu dispozizzjonijiet li l-appellant hass li kellhom jigu aplikati;

*"Tali interpretazzjoni….hija esklussivament fil-mansjoni ta' l-esercizzju tal-poteri ta' l-organi ta' l-Awtorita' ta' l-Ippjanar u l-ahhar arbitru dwarhom hu finalment il-Bord ta' l-Appell u mhux din il-Qorti. Altrimenti, din il-Qorti tkun qieghda tissostitwixxi l-gudizzju taghha f'materja teknika li tispetta biss skond il-ligi lit-Tribunal Specjali mwaqqaf b'ligi biex jiddetermina materji ta' din ix-xorta".*

Dan l-insenjament kien konfermat f'diversi sentenzi ohra fosthom **"Zaren Camilleri vs Awtorita' ta' l-Ippjanar"** (Decizjoni tat-28 ta' Frar 1997 – Qorti tal-Appell) fejn il-Qorti qalet illi:

*"Johrog car minn din id-dispozizzjoni li l-gurisdizzjoni li nghatat lil din il-Qorti li tissindika l-operat tal-Bord ta' l-Appell dwar l-Ippjanar, tikkoncerna biss u esklussivament, kwistjonijiet dwar punti ta' ligi decizi mill-Bord. Ghalhekk huwa eskluz kull appell fuq kwistjonijiet ta' fatt. U biex appel fuq punt ta' dritt ikun ammissibli, l-istess punt ta' dritt irid ikun deciz mill-Bord fid-decizjoni. Fi kliem iehor biex ikun hemm lok ghall-appell quddiem din il-Qorti ma jridx ikun hemm fid-decizjoni appellata semplici applikazzjoni ta' ligi ghall-fatti tal-kawza jew semplici enuncjazzjoni ta' xi ligi, izda invece irid ikun hemm kwistjoni ta' dritt li holqot vertenza jew diskussjoni u li l-Bord ikun applika l-attenzjoni tieghu fuqha billi trattaha debitament u ddefiniha fid-decizjoni li jkun ta'".*

Illi, l-istess insenjament kien kif ukoll f'sentenza ricenti u cioe' **"Delicata vs Awtorita' ta' L-Ippjanar"** (Decizjoni tal-31 ta' Mejju 2002 – Appell numru 165/97 – Qorti ta' l-Appell) fejn dina l-Onorabbli Qorti sostniet illi l-appellant kien qed jirribadixxi kwazi testwalment in-nota ta' sottomissjonijiet li kien pprezenta quddiem il-Bord u

jippretendi li din il-Qort ta’ l-Appell tiddeciedi dwar dawn il-punti teknici. F’din id-decizjoni l-Onorabbli Qorti qalet illi:

*“Evidentement din il-Qorti m’ghandha l-ebda setgha u gurisdizzjoni li taghmel dan, billi s-sottomissjonijiet li saru mill-appellant jirrigwardaw fatt l-interpretazzjonijiet ta’ policies li ma jirrisolvux ruhhom f’punti ta’ dritt. Kif diga’ ntqal il-gurisdizzjoni ta’ din il-Qorti f’dawn l-appelli statutorji hija limitatissima u certament hija m’ghandhiex is-setgha li tissostitwixxi d-diskrezzjoni taghha ghad-diskrezzjoni tal-Bord fuq dawn il-punti teknici li jikkostitwixxu biss punti ta’ fatt li ghalhekk ma jidhlux fil-gurisdizzjoni ta’ din il-Qorti”;*

Illi l-Bord iddecieda dan l-appell fuq applikazzjoni tal-*policies* kontenuti fil-Pjan ta’ Struttura, liema applikazzjoni hija finali u fuq premessi ta’ fatt li rrizultaw mill-access li sar mill-membri tal-Bord u mill-pjanti pprezentati ma’ l-applikazzjoni, kif ukoll minhabba li l-ghoti tal-permess seta’ jinfluwixxi fuq il-formulazzjoni tal-Pjan Lokali relattiv, u l-ebda wahda minn dawn ir-ragunijiet ma tammonta ghal xi punt ta’ ligi li minnu seta’ jsir dan l-appell;

2. Illi, minghajr pregudizzju ghas-suespost jinghad illi wiehed ma jistax jifhem kif l-appellant qed isostni li l-Bord qal li l-istess appellant kien qed japplika ghal zvilupp mhux ezistenti. F’attwalment jirrizulta, kif irrizulta lill-membri tal-Bord mill-access li ghamlu, illi diga’ hemm struttura illegali fis-sit, u fil-fatt l-appellant applika sabiex tali struttura tigi sanzjonata. Bir-rispett kollu ma jistax jinftiehem kif il-frazijiet ikkwotati mill-appellant, u cioe’ *“qed jigi propost li jissaqqaf fuq 13-il filata’ u se jkun gholi hafna ghal store agrikolu”* iwassluh sabiex jikkonkludi li l-Bond kien qed jikkoncepixxi zvilupp gdid. L-gholi ta’ dan l-istore, li l-appellant stess jammetti li l-iskop tieghu hu li juzah ghall-ipparkeggjar ta’ trakk, johrog mill-pjanti li gew sottomessi mill-appellant ma’ l-applikazzjoni tieghu, u anki mill-access li ghamlu l-membri tal-Bord, li jinkludi persuni teknici li certament jistghu jiddeterminaw l-gholi tal-bini;

Il-Bord kien car fi kwalunkwe stadju tad-decizjoni illi hawnhekk l-applikazzjoni kienet titratta talba sabiex bini

ezistenti illegali jigi sanzjonat, u imkien ma jista' jinftiehem li l-Bord fehem li l-istruttura ezistenti se tkun rimpjazzata b'ohra, u ghaldaqstant id-decizjoni tal-Bord hija konformi mat-talba kontenuta fl-applikazzjoni. Li kieku l-Bord fehem li l-istruttura kienet se tkun rimpjazzata b'ohra, kien jichad ghat-talba ghaliex il-pjanti ma kienux ikunu konformi ma' l-applikazzjoni!

3. Illi, dwar it-tieni aggravju ta' l-appellant, jinghad illi dan ma huwiex punt ta' ligi deciz mill-Bord *ai termini* **tal-Kap.356.** Fl-ewwel lok fid-decizjoni kkwotata mill-appellant, u cioe' **"Charles Casha vs Awtorita' ta' l-Ippjanar"** l-Onorabbli Qorti ta' l-Appell imkien ma qalet li ghandha gurisdizzjoni li tirrevedi l-validita' ta' decizjoni tal-Bord ta' l-Appell dwar l-Ippjanar jekk din ma tkunx cara u certa. F'dak il-kaz l-Onorabbli Qorti cahdet eccezzjoni simili ghal dik kontenuta f'dan it-tieni aggravju odjern, u qalet hekk:

*"Id-decizjoni appellata ma tippekkax minhabba nebolozita', izda hija ghall-kuntrarju, wahda cara":*

*-omissis-*

*"Il-konkluzjoni tal-Bord fuq citata hija cara bizzejjed kemm ghal dak li huma l-fatti li kkonstata l-Bord u kemm ukoll ghall-motivazzjoni. Naturalment, fuq kwistjonijiet ta' fatt bhal dawk imsemmija fil-bran fuq citat, din il-Qorti ma tistax tissindika l-konkluzjonijiet raggunti mill-Bord."*

Illi, huwa car li f'dik is-sentenza l-Onorabbli Qorti kienet ikkaratterizzat id-decizjoni tal-Bord bhala wahda cara u li tirrigwarda punt ta' fatt, u mkien ma iddiskutiet il-gurisdizzjoni taghha f'kaz illi sentenza tal-Bord ma tkunx cara, u dana minhabba l-fatt illi ppremetiet li d-decizjoni tal-Bord kienet wahda cara u fil-fatt ma laqghatx dak l-aggravju.

Illi dwar il-mertu ta' dan l-aggravju jinghad illi wiehed ma jistax jifhem b'liema ragunament l-appellant qed jikkonkludi li strutturi temporanji ma jikkonstitwixxux zvilupp *ai termini* ta' l-**artikolu 30 ta' l-Att dwar l-Ippjanar**

**ta' l-Izvilupp.** Din id-dispozizzjoni fl-ebda parti taghha ma taghmel xi eccezzjonijiet ghal xi strutturi temporanji;

Illi, *inoltre'* lanqas ma jista' jinftiehem kif l-appellant l-ewwel qed jghid li l-struttura tieghu hija wahda temporanja li tista' titnehha facilement, u fl-istess hin applika sabiex tali struttura, tigi sanzjonata!

Illi, kif diga' inghad, mhuwiex minnu li l-Bord iddecieda li jikkunsidra l-applikazzjoni bhala wahda bla bazi u ma ssib l-ebda riskontru ragonevoli fis-sentenza appellata. Ghaldaqstant ma hemm l-ebda kontradizzjoni fid-decizjoni tal-Bord illi sempliciment iddecieda, ghar-ragunijiet spjegati fis-sentenza appellata, illi l-applikazzjoni ghas-sanzjonar ta' l-istruttura ezistenti ma setghetx tintlaqa;

Illi, id-decizjoni tal-Bord hija wahda carissima: dik li ma jilqax l-appell mir-rifjut tal-hrug tal-permess mitlub. Il-Bord ma kienx mitlub jiddecieda x'se jsir mill-istruttura, izda li jiddeciedi appell minn rifjut tal-Kummissjoni ghall-Kontroll ta' pregudikati, u dana *stante* li l-appellant fil-fatt usufruwixxa mid-dritt tieghu li jappella quddiem dina l-Onorabbli Qorti mid-decizjoni tal-Bord ta' l-Appell dwar l-Ippjanar. Ghalhekk is-sentenza tal-Bord ta' l-Appell dwar l-Ippjanar hija valida ghall-effetti kollha tal-ligi:

4. Illi dwar it-tielet aggravju ta' l-appellant jinghad illi mhuwiex minnu illi l-Bord iddecieda li kien se jkun marbut bid-decizjoni tieghu. Kulma ghamel il-Bord kien li qabel mas-sottomissjonijiet tal-Awtorita' ta' Malta dwar l-Ambjent u l-Ippjanar gia Awtorita' ta' l-Ippjanr illi l-ghoti tal-permess mitlub f'sit li jinsab barra miz-zona ta' l-Izvilupp jista' jippregudika l-formulazzjoni tal-Pjan Lokali. Meta semma l-kelma *"precedent*" il-Bord ma kienx qed ifisser li kien se jkun marbut b'din id-decizjoni, u fil-fatt din il-konkluzjoni ma tirrizultax mis-sentenza appellata. Il-Bord kien qed jirreferi ghall-fatt illi jekk jinghata permess ghall-zvilupp f'sit li jinsab barra miz-zona ta' l-izvilupp dan seta' johloq problemi meta jkun qed jigi formulat il-Pjan Lokali relattiv;

Illi, *in vista* tal-premess, l-esponenti, filwaqt li taghmel referenza ghall-provi gia prodotti partikolament id-

decizjoni tal-Bord tal-Appell datata tlettax (13) ta' Settembru 2002 u tirriserva li ggib dawk il-provi kollha permessi mill-Ligi, titlob li dina l-Onorabbli Qorti joghgobha, filwaqt li tichad l-appell interpost mill-appellant Emanuel Lia, tikkonferma d-decizjoni moghtija mill-Bord ta' l-Appell dwar l-Ippjanar fit-tlettax (13) ta' Settembru 2002 bl-ispejjez kontra l-istess appellant.

Rat in-nota tas-Segretarju tal-Bord ta' l-Appell dwar l-Ippjanar datata 31 ta' Ottubru 2002 li permezz taghha esibixxa *animo ritirandi* l-file tal-Bord ta' l-Appell fl-ismijiet Lia Emanuel kontra Kummissjoni ghall-Kontroll ta' l-Izvilupp deciz mill-Bord.

Rat il-verbal datat 27 ta' Jannar 2003.

Rat ir-rikors ta' l-apellant Emanuel Lia fejn *in vista* tas-suespost ir-rikorrent jitlob umilment lil din l-Onorabbli Qorti takkordalu aktar zmien sabiex ikun jista jipprezenta n-nota ta' sottomissjonijiet tieghu ghal dan l-appell u dan taht kull provvediment li din l-Onorabbli Qorti jidhrilha xieraq u opportun.

Rat id-digriet datat 3 ta' April, 2003, fejn il-Qorti procedit dwar l-istess seduta *stante*.

Rat in-nota ta' sottomissjonijiet ta' Emanuel Lia datata 7 ta' April, 2003.

Rat il-verbal tas-7 ta' April 2003 fejn il-kawza giet differita ghas-sentenza ghat-12 ta' Jannar 2004.

Rat id-dokumenti esebiti.

Rat l-atti kollha l-ohra tal-kawza.

## II. <u>KONSIDERAZZJONIJIET</u>

### (I) <u>MERTU TAL-APPELL.</u>

Illi l-appellant odjern ibbaza l-appell tieghu fuq tlett binarji, u cjoe' li fl-ewwel lok ghaliex qed isostni li l-istess appell gie deciz fuq zvilupp propost ta' struttura gdida u mhux fuq sanzjonar *"ta' shed roofed with corrugated sheets used as store for trade tools"* u ghalhekk dan jirrendi d-decizjoni moghtija bhala nulla u bla effett *stante* li ghalhekk il-Bord ta' l-Appell jigi li ddecieda fuq punti u wkoll zvilupp li ma kienx qed jigi trattat quddiemu; it-tieni aggravju huwa fis-sens li d-decizjoni tal-Bord ta' l-Appell dwar l-Ippjanar ma tipprovdix konkluzzjoni definittiva tal-mertu tal-konkluzjoni quddiema, u dan ghaliex l-istess Bord wasal, dejjem skond l-appellanti, ghall zewgt konkluzzjonijiet li huma opposti ghall-xulxin u dan ghaliex l-ewwel sostna li l-istruttura ezistenti hija wahda temporanja, u ghalhekk tista' titnehha u ma hijiex zvilupp, u minn naha l-ohra irrufjuta l-permess ghall-istess zvilupp hekk tenut bhala temporanju u b'hekk l-istess decizjoni ghandha konsiderazzjonijiet jekk mhux motivazzjonijiet konfliggenti li jannullaw l-effett tal-istess decizjoni; l-ahhar u t-tielet aggravju huwa fis-sens li l-istess Bord ta' l-Appell applika l-ligi hazin, ghaliex ibbaza parti mid-decizjoni tieghu fuq il-premessa li jekk jinhareg permess lill-istess appellanti huwa jkun marbut bi precedent, haga li l-appellanti ssostni li hija legalment inkorretta ghaliex l-istess Bord ta' l-Appell, dejjem skond l-appellanti, wasal ghall konkluzzjonijiet opposti f'diversi kazi quddiemu.

## (ii) <u>L-EWWEL ECCEZZJONI TAL-APPELLATI.</u>

Illi din l-eccezzjoni hija fis-sens li l-appell interpost huwa null u bla effett *stante* li li l-appell ma sarx fuq punt ta' dritt deciz mill-Bord ta' l-Appell dwar l-Ippjanar skond id-disposizzjonijiet tal-**artikolu 15 (2) tal-Kap 356 tal-Ligijiet ta' Malta.**

Illi f'dan l-aspett jibda biex jinghad illi s-**subartikolu (2) ta' l-artikolu 15 ta' l-Att I ta' l-1992** u cioe' l-**Att dwar l-Ippjanar ta' l-Izvilupp (Kapitolu 356 tal-Ligijiet ta' Malta)** jghid testwalment illi:-

*“Id-decizjonijiet tal-Bord ghandhom ikunu finali. Ghandu jkun hemm appell lill-Qorti ta’ l-Appell kostitwita skond l-* ***artikolu 41(6) tal-Kodici ta’ Organizzazzjoni u Procedura Civili*** *minn dawk id-decizjonijiet biss dwar punti ta’ ligi decizi mill-Bord fid-decizjoni tieghu. Appell minn decizjoni parzjali tal-Bord jista’ jigi pprezentat biss flimkien ma’ appell mid-decizjoni finali tal-Bord”.*

Illi din il-Qorti, kif presjeduta gja tat diversi sentenzi li jikkoncernaw proprju dan il-punt ta’ x’jikkostitwixxi “*punti ta’ ligi decizi mill-Bord fid-decizjoni tieghu”* fosthom **“Santino Gauci vs Kummissjoni ghall-Kontroll ta’ l-Izvilupp”** (A.I.C. (RCP) 24 ta’ Marzu 2003); **“Marie Louise Farrugia vs Kummissjoni ghall-Kontroll ta’ l-Izvilupp”** (A.I. C. (RCP) 24 ta’ Frar 2003); **“Frans Cuschieri vs Kummissjoni ghall-Kontroll ta’ l-Izvilupp”** (A.I. C. (RCP) 24 ta’ Marzu 2003); **“George Mifsed vs Awtorita’ ta’ l-Ippjanar”** (A.I.C. (RCP) 17 ta’ Frar 2003); **“Mario Gauci vs Kummissjoni ghall-Kontroll ta’ l-Izvilupp”** (A.I.C. (RCP) 24 ta’ Frar 2003); u **“Alexander Busuttil vs Kummissjoni ghall-Kontroll ta’ l-Izvilupp”** (A.I.C. (RCP) 28 ta’ Ottubru 2002) u taghmel referenza ghal istess sentenzi.

Illi mill-istess gurisprudenza konstanti tirrizulta l-gurisdizzjoni limitattissima ta’ din il-Qorti hija biss fis-sens li ghandha poter tissindika decizjoni tal-Bord imsemmi fil-kaz li l-appell jkun dwar punt ta’ dritt li jkun gie deciz mill-istess Bord; pero’ dan ma jfissirx li sabiex ikun hemm appell quddiem din il-Qorti l-istess decizjoni trid necessarjament tghid li qed tiddeciedi punt ta’ dritt jew inkella ssir referenza specifika ghal xi disposizzjoni tal-ligi, u dan il-principju gie applikat diversi drabi fejn din il-Qorti applikat il-gurisdizzjoni taghha fejn kien hemm allegazzjonijiet li l-istess Bord kien iddecieda *“ultra vires”,* u dan ghaliex la darba l-istess Bord ta d-decizjoni tieghu fuq punt li allegatament ma huwiex legalment fil-kompetenza tieghu, dan fih innifsu jikkostitwixxi punt ta’ dritt anke jekk l-istess decizjoni appellata ma tkunx ghamlet l-ebda referenza ghal xi disposizzjoni partikolari.

Illi din il-Qorti tirreferi f'dan ir-rigward ghas-sentenza **"Dr. George Cassar vs Kummissjoni ghall-Kontroll ta' l-Izvilupp"** (A.I.C. (RCP) 26 ta' Mejju 2003) u d-decizjoni **"Franco Busuttil vs Kummissjoni ghall-Kontroll ta' l-Izvilupp"** (A.I.C. (RCP) 27 ta' Jannar 2001) fejn inghad li:-

*"Konsegwentement, <u>mid-decizjoni stess</u>, jista' jigi inferit jew dedott li l-Bord iddecieda u qata' li kellu l-"vires" necessarju biex jiddeciedi kif iddecieda. Din ma tistax ma titqiesx bhala decizjoni dwar punt legali, li issa qieghda tigi kontestata f'dana l-appell mill-appellanti".*

Illi f'dan il-kaz l-ewwel aggravu tal-appellanti huwa li l-Bord ta' l-Appell iddecieda *extra petita* peress li qed isostni li l-istess appell gie deciz fuq zvilupp propost ta' struttura gdida u mhux fuq sanzjonar *"ta' shed roofed with corrugated sheets used as store for trade tools"* u ghalhekk dan jirrendi d-decizjoni moghtija bhala nulla u bla effett *stante* li ghalhekk il-Bord ta' l-Appell jigi li ddecieda fuq punti u wkoll zvilupp li ma kienx qed jigi trattat quddiemu;

Illi fis-sentenzi fuq citati inghad diversi drabi li l-kompetenza ta' din il-Qorti hija limitata ghall decizjoni fuq punt ta' dritt decizi mill-Bord ta' l-Appell dwar l-Ippjanar. Pero' dan ma jfisserx li ma hemmx lok ta' appell jekk l-istess decizjoni appellata ma tkunx ghamlet referenza ghal xi disposizzjoni partikolari tal-ligi ghaliex jista' jkun li fl-istess decizjoni innifisha jkun xorta wahda applikazzjoni tal-ligi. Fil-fatt wahda mill-iktar ezempji ta' dan trattati quddiem dawn il-Qrati kien il-kuncett ta' *ultra vires,* fejn gie ritenut diversi drabi minn din il-Qorti, li ghalkemm fl-istess decizjoni tal-Bord ma jkunx hemm referenza specifika ghall-ebda artikolu tal-ligi, din il-Qorti xorta wahda ghandha il-kompetenza li titratta l-istess aggravju *stante* li l-punt ta' dritt jkun jezisti fil-fatt biss li jkun hemm allegazzjoni li l-istess Bord ta' l-Appell jkun uzurpa l-kompetenza tieghu, u la darba l-kompetenza nnfisha hija determinata minn xejn izjed hlief il-ligi, li tiddimarka l-kompetenza tal-istess Bord, mela allura dan fih innifsu jikkostitwixxi punt ta' dritt deciz fil-Bord kollox fl-ambitu tal-**artikolu 15 (2) tal-Kap 356.**

Illi hawn issir referenza wkoll ghall sentenzi ohra ta’ din il-Qorti kif presjeduta fosthom **“Barbara Cassar Torreggiani vs Awtorita’ ta’ l-Ippjanar”** (A.I.C. (RCP) 27 ta’ Ottubru 2003) u **“Salvu Sciberras vs Awtorita’ ta’ l-Ippjanar”** (A.I.C. (RCP) 24 ta’ Marzu 2003) li kollha jikkonfermaw l-istess principju.

Illi fl-opinjoni ta’ din il-Qorti is-sitwazzjoni hija simili meta wiehed jittratta l-aggravju odjern ta’ *extra petita, stante* li din il-vantazzjoni timpingi direttament fuq il-validita’ nnifisha tal-istess decizjoni, u fuq il-kompetenza tal-istess Bord, peress li l-kompetenza tal-istess Bord ta’ l-Appell dwar l-Ippjanar, bhal ta’ kull tribunal jew Qorti, hija limitata sabiex tiddeciedi biss il-mertu tal-kontestazzjoni tal-partijiet quddiema u mhux tmur *oltre*; la darba din hija is-sitwazzjoni logika u korretta legalment l-unika konkluzzjoni possibbli hija dik li dan fl-ambitu tal-**artikolu 15 (1) tal-Kap 356** huwa punt ta’ dritt deciz mill-Bord ta’ l-Appell dwar l-Ippjanar, u dan immaterjali ghall mument jekk verament l-allegazzjoni tar-rikorrenti tregghiex, ghaliex dan huwa punt li jigi trattat fl-mertu stess tal-istess appell f’din is-sentenza.

Illi t-tieni aggravju tal-istess appellanti huwa fis-sens li d-decizjoni tal-Bord ta’ l-Appell dwar l-Ippjanar ma tipprovdix konkluzzjoni definittiva tal-mertu tal-konkluzjoni quddiema, u dan ghaliex l-istess Bord wasal, dejjem skond l-appellanti, ghal zewg konkluzzjonijiet li huma opposti ghall-xulxin, u f’dan is-sens allura r-rikorrenti qed isostni li l-istess decizjoni hija nulla peress li hemm motivazzjonijiet konfliggenti ghal xulxin.

Illi fl-istess gurisprudenza ta’ dawn il-Qrati jirrizulta bla ebda dubju li kull decizjoni tal-istess Bord ghandha tkun motivata b’dan li l-istess decizjoni ghandha taghti r-ragunijiet, fattwali u/jew legali ghall konkluzzjonijiet raggunti, b’mod li titratta u tiddisponi mill-mertu tal-kontestazzjoni ta’ bejn il-partijiet; decizjoni mhux hekk motivata hija decizjoni li ghandha tkun annulata u rispedita lill-istess Bord sabiex terga tigi trattata, u f’dan is-sens huma s-sentenzi ta’ din il-Qorti fl-ismijet **“Jane Cini**

**vs Kummissjoni ghall-Kontroll ta' l-Izvilupp"** (A. I. C. (RCP) 24 ta' Marzu 2003); **"Charles Polidano vs Kummissjoni ghall-Kontroll ta' l-Izvilupp"** (A.I.C. (RCP) 27 ta' Mejju 2003); **"Joseph Muscat vs l-Awtorita' ta' l-Ippjanar"** (A.I.C. (RCP) 27 ta' Ottubru 2003); u " **Barbara Cassar Torreggiani vs l-Awtorita' ta' l-Ippjanar"** (A.I.C. (RCP) 27 ta' Ottubru 2003).

Illi tant huwa minnu dan li diversi decizjonijiet tal-Bord ta' l-Appell li ma trattawx is-sottmissjonijiet tal-partijet, anke dwar punti ta' fatt, gew annulati minn din il-Qorti anke abbazi tal-principju *cerimus paribus* kif jirrizulta mis-sentenzi fl-ismijet **"Michael Gatt vs Awtorita' ta' l-Ippjanar"** (A. C. 19 ta' Novembru 2001 - App Nru 220/00); **"Marie Louise Farrugia vs Kummissjoni ghall-Kontroll ta' l-Izvilupp" (Rikorsi Numri 36 u 37 tal-2001)** (A.I.C. (RCP) 24 ta' Frar 2003) u **"Jimmy Vella vs Kummissjoni ghall-Kontroll ta' l-Izvilupp"** (A.I.C. (RCP) 24 ta' Marzu 2003).

Illi isegwi li meta jigi allegat li hemm decizjoni tal-Bord ta' l-Appell dwar l-Ippjanar li ghandha motivazzjonijiet konfiggenti ghal xulxin, issegwi dak li necessarjament fih innifsu jimplika li tali decizjoni ma tkunx giet motivata fit-termini rikjesti mill-ligi, u b'hekk tkun qed tigi wkoll attakata l-validita' innifisha tal-istess decizjoni u ghalhekk jekk l-istess tribunal ikunx agixxa fit-termini rikjesti mill-ligi, u allura dan ukoll huwa fih innifsu huwa punt ta' dritt deciz mill-Bord u jaqa' fil-kompetenza ta' din il-Qorti fl-ambitu ristrett taghha tal-**artikolu 15 (2) tal-Kap 356.**

Illi l-ahhar aggravju tal-appellant huwa dak fejn l-istess appellant qed isostni li l-istess Bord ta' l-Appell ghamel enuncjazzjoni hazina tal-ligi, peress li l-appellant qed jallega li l-Bord sostna li mhux ser jaccetta l-appell tar-rikorrenti kif prezentat quddiemu *stante* li jekk jaghmel dan ikun qed johloq precedent, li skond l-appellant mhux legalment korrett, peress li l-istess Bord ma huwiex obbligat li jimxi fuq d-decizjonijiet tieghu, tant li f'diversi okkazzjonijiet iddecieda l-oppost.

Illi bla ma din il-Qorti ma tidhol fuq il-meritu ta' din l-vantazzjoni tal-appellanti, hija l-opinjoni taghha li fejn qed jigi allegat li sar pronunzjament inkorrett tal-ligi u fejn dan jigi allegat li jolqot il-mertu u motivar tad-decizjoni dan ukoll fit-teorija jikkostitwixxi punt ta' dritt, ghalkemm il-vera determinazzjoni tal-istess isehh biss u tigi rizolta fil-mertu tat-trattazzjoni tal-istess punt, u ghalhekk din il-Qorti thoss li fl-ambitu tal-**artikolu 15 (2) tal-Kap 356** dan l-appell huwa wkoll fil-kompetenza ta' din il-Qorti.

**(iii) KONSIDERAZZJONIJIET DWAR L-EWWEL AGGRAVJU.**

Illi l-ewwel aggravju huwa fis-sens li l-Bord ta' l-Appell dwar l-Ippjanar iddecieda l-kwistjoni fuq zvilupp li kien ghadu ma jezistiex meta ineffetti l-applikazzjoni tal-appellanti kienet titratta dwar sanzjonar ta' *"shed roofed with corrugated sheets used as a store for trade tools".*

Illi in verita' jirrizulta li l-istess Bord ta' l-Appell dwar l-Ippjanar ittratta l-izvilupp deskritt mill-Perit Martin Saliba ghall-Kummissjoni ghall-Kontroll ta' l-Izvilupp konsistenti *"for the sanctioning of shed roofed with corrugated sheets one storey used as a garage truck and building trade tools. The existing site area of approximately 46.92 sq.m. with a maximum height of 13 courses".* Dwar dan appellant ma jidher li gab l-ebda oggezzjoni quddiem il-Bord dwar l-istess deskrizzjoni tant li fl-appell tieghu stess quddiem l-imsemmi Bord l-appellant odjern issottometta li *'din l-applikazzjoni tikkoncerna s-sanzjonar ta' kamra bis-saqaf taz-zingu……………………..u dan avvolja temporanjamement dina l-kamra qed tintuza sabiex jigi ipparkjat trakk……..".*

Illi minn qari akkurat tal-istess decizjoni tal-Bord ta' l-Appell dwar l-Ippjanar jirrizulta li l-istess Bord adotta u kkonferma r-ragunijiet kollha li waslu ghar-rifjut tal-applikazzjoni tal-appellanti mill-Kummissjoni ghall-Kontroll ta' l-Izvilupp, kollha fuq punti teknici, fattwali u ta' *policies,* u wkoll approva r-rakkomandazzjonijiet kollha tal-organi tal-Awtorita' kollha citati fl-istess sentenza, u dan apparti li l-membri, anke teknici tal-Bord accedaw fuq is-sit u zvilupp mertu tal-proceduri quddiemhom li ma jhallu l-

ebda dubju li l-unika konstatazzjonijiet li saru kienu riferibbli ghall-izvilupp ezistenti tal-appellanti li bl-applikazzjoni tieghu ttenta jissanzjona, u certament li l-aggravju tal-appellanti f'dan il-kuntest ma huwiex biss mhux fondat, izda adirittura vessatorju.

## (IV) KONSIDERAZZJONIJIET DWAR IT- TIENI AGGRAVJU.

Illi dan huwa fis-sens li d-decizjoni tal-Bord ta' l-Appell ghandha motivazzjoni konfliggenti peress li qal li Bord l-ewwel qal li kien qed jikkonsidra struttura temporanja u rrifjura l-permess meta tali struttura ma tammontax, dejjem skond l-appellanti, ghall-zvilupp; mbaghad ikkonsidra l-applikazzjoni tieghu fil-kuntest ta' zvilupp li ghad irid issir liema zvilupp lanqas kien quddiemu.

Illi din il-Qorti thoss li l-argumentazzjoni, jekk tista' tissejjah hekk, tal-appellanti hija kompletament bla bazi u frivola, *stante* li jidher car li din is-sottomissjoni ma tirrispekkja bl-ebda mod il-motivar tal-istess decizjoni li kienet ibbazzata fuq l-istruttura ezistenti li r-rikorrenti stess talab li l-bini taghha bis-saqaf attwali taz-zingu jigi sanzjonat; il-premessa li tali struttura ma tikkostitwiex zvilupp hija wkoll frivola *stante* li tali binja, temporanja jew le, tikkostitwixxi zvilupp skond id-disposizzjonijiet tal-**artikolu 30 tal-Kap 356.** Mill-bqija jirrizulta li l-istess Bord ha inkonsiderazzjoni biss il-bini indikat mill-appelant kemm fl-applikazzjoni tieghu u kemm *in situ,* u r-riflessjonijiet kollha tal-Bord huma diretti lejn l-istess u lejn id-dokumenti sottomessi mill-istess appellanti quddiemu, skond id-diskrezzjoni tal-izvilupp indikati b'mod car fl-istess decizjoni tal-Bord u f'din is-sentenza, u dan anke jekk wiehed jipprexxindi mill-konfuzzjoni dwar l-uzu tal-istess ambjenti li tohrog mis-sottimissjonijiet tal-appellanti li jitfghu dubju serju dwar il-vera uzu tal-istess ambjenti. Dan l-aggravju huwa ghalhekk insostenibbli u wkoll infondat u jidher li l-appellant qed jipprova jilghab bil-kliem stante li tali aggravvju huwa manifestament bla bazi.

## (V) KONSIDERAZZJONIJIET DWAR IT-TIELET AGGRAVJU.

Illi l-ahhar aggravju huwa fis-sens li l-istess Bord ta’ l-Appell dwar l-Ippjanar iddecieda l-ligi hazin ghaliex ir-raguni ghaliex l-applikazzjoni tal-appellant giet michuda kienet peress li l-istess Bord fid-decizjoni tieghu sostna li ma riedx johloq precedent, meta skond l-appellanti dan mhux legalment korrett ghaliex il-Bord stess kemm il-darba ddecidieda l-oppost u ghalhekk ma huwiex marbut bl-ebda precedent.

Illi fl-opinjoni ta’ din il-Qorti, dan l-argument huwa frivolu ghaliex kull ma qal l-istess Bord ta’ l-Appell dwar l-Ippjanar kien biss li adotta u approva s-sottomissjonijiet tal-Awtorita’ ta’ l-Ippjanar illi l-ghoti tal-permess mitlub f’sit li jinsab barra miz-zona ta’ l-izvilupp jista’ jippregudika l-formulazzjoni tal-Pjan Lokali, anke ghaliex l-istess permess mitlub kien barra miz-zona ta’ zvilupp.

Illi ghalhekk l-appell tar-rikorrenti ghandu jigi michuq bl-ispejjez.

**<u>III. KONKLUZJONI.</u>**

Illi ghal dawn il-motivi, din il-Qorti **taqta’ u tiddeciedi** billi fil-waqt li tichad l-ewwel eccezzjoni tal-Awtorita’ appellata, izda tilqa’ l-eccezzjonijiet l-ohra kollha fil-mertu kontenuti fir-risposta taghha tal-15 ta’ Ottubru 2002, **tichad l-appell interpost mill-appellant fir-rikors tieghu tas-26 ta’ Settembru 2002** bhala infondat fil-fatt u fid-dritt, u bla ebda bazi u ghalhekk tikkonferma d-decizjoni appellata tal-Bord tal-Appell dwar l-Ippjanar fl-ismijiet **“Emmanuel Lia vs Kummissjoni ghall-Kontroll ta’ l-Izvilupp”** tat-13 ta’ Settembru 2002.

Bl-ispejjez kollha kontra l-appellant Emmanuel Lia.

**Moqrija.**

**< Sentenza Finali >**

---------------------------------TMIEM---------------------------------